MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 453/2004

**Wands Limited (C 476)**

**vs**

**Mark (ID No. 683261M) u Janice (ID No. 437361M) mizzewgin Spiteri, u St. George’s (Catering) Limited (C 6386)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fil-25 ta’ Awissu, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti bejnithom jew min minnhom, ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, mitejn u sebgha u tmenin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4,287.24), jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda, jekk hemm bzonn prmezz ta’ perit jew periti nominandi, liema somma tirraprezenta valur ta’ prodotti tax-xorb mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta’ attrici favur il-konvenuti, fuq

inkarigu ta’ l-istess konvenuti, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenuti ghalkemm interpellati, baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju tat-12 ta’ Awissu, 2004 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha flimkien jew min minnhom, kontra l-konvenuti flimkien jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fejn eccepew:

1. Illi in linea preliminari, l-eccipjenti Mark u Janice konjugi Spiteri jeccepixxu illi huma qatt ma ghamlu xi negozju jew ikkontrattaw mas-socjeta’ attrici u ghalhekk huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi, fil-mertu, l-eccippjenti kollha jecepixxu illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici huwa wiehed esagerat u dana kif se jkollhom l-opportunita’ li jipprowaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f’xi zmien Mark Spiteri u martu Janice kienu joperaw l-istabbiliment bl-isem ‘Zanzibar’ go St. George’s Park kemm taht isimhom personalment kif ukoll taht is-socjeta’ St. George’s (Catering) Limited. Dawn dahlu f’relazzjonijiet kummercjali mas-socjeta’ attrici li pprovdiet kwantita’ ta’ xorb akoholiku u mhux ghall-konsum fil-fond imsemmi.

L-i*statements* esebiti minn Roseann Micallef juri l-ammont ta’ xorb illi gie pprovdut lill-konvenuti u li tieghu baqa’ ma sarx il-hlas.

Mark Spiteri xehed a fol. 12 fejn qal li kien direttur tas-St. George's (Catering) Limited illi kienet topera restaurant u bars go St. George's Park. Martu wkoll kienet direttrici. Fost affarijiet ohra jghid, "Jiena nirrikonoxxi illi l-kumpanija ghandha taghti xi ammonti ta' flus lis-socjeta' attrici, pero' ma nafx kemm, peress illi l-*accountant* ghadu ma lestilix l-ammonti".

Sal-gurnata ta' l-ahhar seduta din l-informazzjoni baqghet ma gietx moghtija lill-Qorti. Ghalhekk, ghal dak illi huwa l-ammont, il-Qorti toqghod fuq il-provi migjuba mis-socjeta' attrici fejn juri li l-konvenuti ghandhom jaghtu l-ammont indikat fl-Avviz.

Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti qeghdin jghidu illi huma m'ghandhomx ikunu citati personalment. Irrizulta mill-provi li l-i*statements* gew mibghuta lil Mark Spiteri personalment, lil Marcelle Mercieca, li rrizulta illi kienet tiehu hsieb iz-'Zanzibar' ghan-nom tal-konvenut u lil St. George's (Catering) Limited. Ghalhekk jidher illi l-istess konvenut kien ikkreja certa konfuzjoni ghal dak illi huma l-beneficjarji tal-prodotti tas-socjeta' attrci.

Stante dawn ic-cirkostanzi u stante illi mhuwiex car jekk il-konvenut kienx qed jopera f'ismu personalment jew inkella f'isem il-kumanija, l-Qorti jidhrilha illi l-konvenuti ghandhom ikunu resposabbli ta' l-ammont reklamat fl-Avviz bil-mod kif inhuma citati. (Ara wkoll Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice Appell 6 ta' Ottubru, 1999)

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti fil-kapacita' taghhom citati li jhallsu s-somma ta' erbat elef, mitejn u sebgha u tmenin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4,287.24), liema somma tirraprezenta valur ta' prodotti tax-xorb mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta' attrici favur il-konvenuti, fuq inkarigu taghhom stess,.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------